**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 257/15 AL

**AB**

***vs***

**Dr Patrick Valentino LL.D. u PL Peter Sammut bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD (detentur ta' Passaport Sirjan Nru PSYRO1203000029)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi hija zzewget lill-intimat nhar il-21 ta' Ottubru 2003 u z-zwieg gie regisrat fir-Registru Pubbliku dakinhar stess bin-numru progessiv elf tmien mija u tletin tas-sena elfejn u tlieta (1830/2003) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);

2. Illi effettivament dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment wara biss ftit xhur, u l-intimat telaq minn Malta u, sa fejn taf l-esponenti qatt ma rritorna;
3. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal u l-kontendenti ma ghandhom l-ebda proprjeta' in komuni;
4. Illi l-esponenti ilhom separati *de facto* ghal iktar minn hdax-il sena;
5. Illi, naturalment, ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin;
6. Illi l-esponenti qed tirrinunzja ghal kull dritt ghal mateniment li hija jista' jkollha minghand l-intimat;
7. Illi ghaldaqstant il-kontendenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;
8. Illi l-esponenti tixtieq u trid li tottjeni l-hall taz-zwieg taghha minn mal-intimat;
9. Illi l-esponenti giet awtorizzata tmexxi bil-prezenti istanza u dan permezz ta' digriet ta' dina il-Qorti tal-21 ta' April 2015 (kopja legali annessa u immarkata Dok B) u sussegwentement inhatru l-kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti (kopja legali tad-digriet u inkartament relattivi annessa u immarkata Dok C);
10. L-esponenit tikkonferma l-fatti suesposti permezz ta' affidavit anness u immarkat Dok D;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u il-PL Peter Sammut, li permezz taghha jiddikjaraw :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment de facto separati ghal aktar minn hdax il-sena peress illi l-konvenut harab minn Malta, gheb minn Malta u qatt ma irritorna;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur